DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tas-7 ta' Marzu 2008

li temenda l-Appendiċi ta' l-Anness VI ta' l-Att ta' Adeżjoni tal-Bulgarija u r-Rumanija f'dak li għandu x'jaqsam ma' stabbilimenti ta' proċessar tal-ħalib fil-Bulgarija

(notifikata taħt id-dokument numru C(2008) 827)

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(2008/209/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat l-Att ta' Adeżjoni tal-Bulgarija u r-Rumanija, u b'mod partikolari l-ewwel sottoparagrafu tal-paragrafu (f) tal-Kapitolu 4 tat-Taqsima B ta' l-Anness VI tiegħu,

Billi:

(1) Il-Bulgarija ngħatat perjodi transitorji mill-Att ta' Adeżjoni tal-Bulgarija u r-Rumanija biex ċerti stabbilimenti ta' proċessar tal-ħalib jikkonformaw mar-rekwiżiti tar-Regolament (KE) Nru 853/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 li jistabbilixxi ċerti regoli speċifiċi ta' iġjene għall-ikel li joriġina mill-annimali [1].

(2) L-Appendiċi ta' l-Anness VI ta' l-Att ta' l-Adeżjoni ġie emendat mid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/26/KE [2] u 2007/689/KE [3].

(3) Il-Bulgarija pprovdiet garanziji li żewġ stabbilimenti ta' l-ipproċessar tal-ħalib lestew il-proċess ta' aġġornament tagħhom u issa huma konformi mal-leġislazzjoni Komunitarja. Dawk l-istabbilimenti qegħdin jitħallew jirċievu u jipproċessaw separatament ħalib konformi u ħalib mhux konformi. Dawk l-istabbilimenti għalhekk għandhom jiżdiedu mal-lista tal-Kapitolu II ta' l-Appendiċi ta' l-Anness VI.

(4) L-Appendiċi ta' l-Anness VI ta' l-Att ta' l-Adeżjoni tal-Bulgarija u r-Rumanija għandu għalhekk jiġi emendat skond dan.

(5) Il-miżuri stipulati f'din id-Deċiżjoni huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti għall-Katina Alimentari u s-Saħħa ta' l-Annimali,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-istabbilimenti elenkati fl-Anness tad-Deċiżjoni qegħdin jiżdiedu mal-Kapitolu II ta' l-Appendiċi ta' l-Anness VI ta' l-Att ta' l-Adeżjoni tal-Bulgarija u r-Rumanija.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussell, 7 ta' Marzu 2008.

Għall-Kummissjoni

Androulla VASSILIOU

Membru tal-Kummissjoni

---

[1] ĠU L 139, 30.4.2004, p. 55; verżjoni kkoreġuta fil-ĠU L 226, 25.6.2004, p. 22. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1243/2007 (ĠU L 281, 25.10.2007, p. 8).

[2] ĠU L 8, 13.1.2007, p. 35.

[3] ĠU L 282, 26.10.2007, p. 60.

ANNESS

Stabbilimenti tal-ħalib li jridu jiżdiedu mal-Kapitolu II ta' l-Appendiċi ta' l-Anness VI ta' l-Att ta' l-Adeżjoni tal-Bulgarija u r-Rumanija

"Ir-Reġjun ta' Dobrich — Nru. 8

12	BG 0812009	'Serdika — 90' AD gr. Dobrich ul.	gr. Dobrich ul. '25 septemvri' 100

Ir-Reġjun ta' Smolyan — Nru. 21

13	BG 2112001	'Rodopeya — Belev' EOOD gr. Smolyan	gr. Sliven kv. 'Rechitsa' "